**2 ta' Marzu, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Cachia

versus

Carmelo Conti et.

*L-aċċident mhux xi entita astratta iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-entita tiegħu. Il kwistjoni mhiex biss ta kawżalita iżda ukoll ta' responsabbilita. u min bin-negliġenza tiegħu kkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw ikun il-kawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-"accident", u ikun responsabbli għalihom.*

**Danni — Kolliżjoni — Responsabilita**

**Art. 1074 u 1094 tal-Kodiċi Ċivili**

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-

Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li biha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut waqt li kien isuq motor-car numru 2612. b'imprudenza, negligenza, nuqqas ta' ħsieb u għax ma osservax ir-regolamenti, laqtu u kkaġ[illegible] [illegible]zjonijiet personali ta' natura gravi, bil-konsegwenza li sofra danni konsistenti f'"damnum emergens" u "lucrum cessans" *kif jiġi pruvat* fit-trattazzjoni tal-kawza, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija il provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni fuq *imsemmijin, u konsegwentement* ikun kundannat iħallsu s-somma li t'ġi likw'data okkorrendo, permezz ta' periti li jiġu nominati, bħala danni minnu sofferti konsistenti f'danni attwa'i u telf ta' qliegħ; bl-ispejjeż komprisi dawk tal-ittra uffiċjali tad-disgħa (9) ta' Novembru, 1959 kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li l-inċident in kwistjoni kien dovut unikament għall-fatt li l-attur *ħareġ jiġri sparat minn* ġewwa ħanut u għalhekk it-ta'ba attriċi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-ħdax (11) ta' Jannar, 1960, li bih ġie nominat Perit Legali biex jirrelata jekk il-konvenut hux responsabbli tad-danni allegati fiċ-ċitazzjoni *u f'każ affermattiv, jillikwida* d-danni dovuti mill-konvenut u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali u l-verbali tas-seduti miżmuma *kif ukoll* id-dokumenti presentati ma l-istess perizja.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad 29 ta' Ottbru, 1963 li biha ddikjarat lill-konvenut mhux responsabbli tad-danni sofferti mill-attur kif minn dan mitlub u konsegwentement ċaħdet id-domandi ta' l-istess attur bl-ispejjeż kontra

tiegħu ħlif id-dritt u spejjeż tal-Perit Legali li jitħallsu bin-nofs wara li kkunsidrat:—

*Omissis*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi revokata fil-parti fejn iddeċidiet il-meritu tal-kawża u ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, u minflok jiġu milqugħin dawk it-talbiet, u l-istess sentenza tiġi riformata fil-kap ta' l-ispejjeż billi l-ispejjeż kollha jiġu akkollati lill-konvenut bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut anki ta' l-appell.

Trattat l-appell din il-Qorti kkunsidrat:—

Fuq il-kwistjoni tar-responsabbilta għall-inċident, il-perit ġudizzjarju kien wasal għall-konklużżjoni illi dan l-inċident ġara bi ħtija tant ta' l-attur kemm tal-konvenut u il-kontribuzzjoni ta' kull wieħed minnhom kienet fi grad ugwali. Il-ħtija ta' l-attur, il-perit saba tikkonsisti fil-fatt illi hu ħareġ f'nofs it-trieq imprudentement u b'hekk ikkrea s-sitwazzjoni ta' perikolu u x'aktarx l-inevitabilita ta' l-investiment; u l-ħtija tal-konvenut, il-perit irriskontraha fil-fatt illi "bil-veloċita eċċessiva tiegħu kabbar konsiderevolment il-konsegwenzi dannużi tal-investiment." Fil-fehma tal-perit ma kienx hemm dubbju illi bejn l-imprudenza ta' l-attur u l-event dannuż (tramite l-investiment) kien hemm rapport ta' kawżalita. Hu kien ukoll ta' fehma li kien hemm ness ta' kawżalita bejn l-att illeċitu, ossija kolpuż (veloċita), tal-konvenut u l-event dannuż mħabba li aggrava l-estensjoni u l-entita tal-konsegwenzi dannużi ta' l-event.

L-ewwel Onorabbli Qorti għamlet distinzzjoni bejn "l-inċident ut sic" u l-konsegwenzi tiegħu. Hi dehrilha 'l

l-perit ġudizzjarju kien jidher li "aktarx inklina lejn il-veduta li l-attur kien il-kaġun unika ta' l-inċident 'ut sic' mingħajr ċioe ma kkontribwixxa għalih ukoll il-konvenut għalkemm dan ma jingħadx espressament (fil-perizzja). Dik il-Qorti żiedet tgħid li "kienet taqbel ma dik il-veduta pero żżid tgħid dak li ma qalx il-perit, fis-sens li fiċ-ċirkostanzi riżultati huwa l-attur li għandu jiġi ritenut responsabbli għall-inċident." Il-Qorti qalet i "għandu u qiegħed jiġi ammess i li jista wieħed jgħid illi s-sewqan tal-konvenut ma kienx prudenti taħt iċ-ċirkostanzi u dawn kienu jissuġġerixxu veloċita żgħar," pero dehrilha illi "taħt iċ-ċirkostanzi risultati, veloċita moderata, anki inqas minn dik regolamentari, kienet tirrendi mpossibbli li jiġi evitat l-investiment ta' l-attur mill-konvenut: dan kien ħa l-prekawzzjonijiet li jkollu dawl sew li in vista tal-ħin ta' l-inċident, kien l-iżjed mod indikat biex juri l-presenza tiegħu, u ma sata jagħmel xejn iżjed milli għamel meta sab lill-attur quddiemu ħabta u sabta u anqas ma kien jista jevitaħ *kieku kien għaddej moderat.*" Ġa la darba l-konvenut ma kkontribwiex "biex jiġri l-inċident" hu ma għandux ikun responsabbli għal ebda parti mid-danni sofferti mill-attur, għax dawn id-danni—qalet dik l-Onorabbli Qorti — "hu sew li jitqiesu kif attwalment riportati u l-kontribuzzjoni għall-istess tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkostanzi li kienu l-vera kawża ta' l-inċident milli fid-dawl ta' ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jew ma jistgħux jinfluwixxu *fuq l-entita ta' l-istess danni, konsiderati* fihom infushom, bla ebda riferenza għall-inċident stess." "Hija r-responsabbilita ta' l-inċident" — kompliet tgħid dik il-Qorti — "li għandha tiddetermina r-responsabbilita tad-danni derivanti mill-istess inċident."

Kif ser jidher aktar il-quddiem, din il-Qorti ma tħossx li tista taqbel mal-konklużżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar minn kien il-kawża principali jekk mhux għal kollox

eskluživa ta' l-aċċident, u sa ċertu pont anqas ma dik tal-perit ġudizzjarju. Pero qabel tgħaddi biex tesponi r-raġunijiet tagħha fuq dan il-punt, tixtieq tgħid bir-rispett kollu li hi ma taqbilx mad-distinzzjoni li għamlet l-ewwel Qorti bejn "inċident ut sic" jew "inċident fih in-nifsu" u "d-danni derivanti mill-inċident." Għall-finijiet tar-responsabbilta u rižarċiment, l-'inċident' ossija l-event mhux fih in-nifsu rilevanti ħlief in kwantu jikkaġuna "dannu" risarċibbli skond il-liġi. Il-liġi fl-artikolu 1074 tal-Kodiċi Ċivili ma titkellimx fuq "aċċident" jew 'inċident' imma titkellem fuq ħsara jew "dannu" u tgħid illi kull persuna hi responsabbli tad-dannu li jiġri bi ħtija tagħha, u fl-artikolu 1074 tgħid illi kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, prudenza jew ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu responsabbli għad-dannu li jiġri minħabba f'hekk. Fl-artikolu 1094 fejn tikkontempla l-ħtija kontributorja tad-danneġġjat il-liġi similment titkellem fuq id-dannu u fuq kull minn ikun ikkontribwixxa għad-dannu. Ankorke "ex hypothesi" kellu jingħad fil-każ presenti li l-attur kien il-kaġun uniku tal-"inċident" fis-sens ta' l-avveniment tal-"ħabta", il-konvenut ma jistax jitqies eżenti minn kull responsabbilita għar-risarċiment tad-danni jekk hu, bil-ħtija tiegħu, kkontribwixxa biex il-ħabta tkun għar minn dik li kienet tkun u d-dannu kaġunat biha kien għalhekk akbar. Il-fallaċja tad-distinzzjoni magħmula mill-ewwel Qorti bejn "aċċident" bħala "avveniment tal-ħabta" u l-entita tiegħu bħala dannu derivanti minnu tidher minnu fih fil-każ per esempju ta' kollizzjoni bejn żewġ karrozzi. Suppost li wieħed mid-'drivers' kien l-unika kaġun tal-ħabta, in kwantu li l-ieħor ma kienx ikun jista jevita l-kolizzjoni anqas kieku kien qed isuq għal kollox sewwa. Jekk, ċiononostante, dan id-driver l-ieħor kien fil-fatt qed isuq b'mod qawwi u minħabba f'hekk

l-entita jew id-dannu tal-kolliżżjoni kien akbar milli wieħed għandu jaħseb li kien ikun kieku ma kienx *hemm dan* li *speed*, ħadd *ma* jiddubita li dan id-driver l-ieħor hu wkoll responsabbili, f'parti, għal dak id-dannu. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-distinzzjoni bejn "*aċċident* ut sic" jew "aċċident fih innifsu" u "dannu derivanti minnu" ma teżistix u hi żbaljata. L-aċċident mhux xi entita astratta *iżda* hu *fatt li ġara kif* inhu fix-xorta u l-entita tiegħu; event bl-inċidenti inerenti miegħu in kwantu minnu jidderivaw danni: il-kwistjoni mhiex biss ta' kawżalita iżda wkoll ta' responsabbilita, u *min* bin-negliġenza tiegħu kkawża jew ik*kon*tribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw ikun ikkawża jew *ikkon*tribwixxa biex jikkawża l-"aċċident" u "pro tanto" hu responsabbli għalihom — Talvolta tista tkun kwistjoni ta' provi: imma *mhux* kwistjoni ta' distinzjoni in *prinċipju*.

*Issa, kif ġa ġie* aċċennat, *fil*-fehma ta' din il-*Qorti* l-aċċident fil-każ presenti ma ġiex, kif irreteniet l-ewwel Onorabbli Qorti u sa ċertu pont anki l-Perit ġudizzjarju, ikkaġunat anqas bħala sempliċi avveniment tal-ħabta minn negliġenza ta' l-attur. Il-konklużżjoni tagħhom kienet ibbażata fuq premessi li m'għandhomx bażi fil-provi miġbura fil-proċess. Dik il-konklużżjoni tassumi bħala li kien pruvat illi fejn il-bieb tal-ħanut minn fejn ħareġ l-attur kien hemm char-a-banc wieqfa u l-attur ħareġ f'daqqa minn quddiemha b'mod illi l-konvenut sabu quddiemu ħabta u sabta. Il-Perit ġudizzjarju qal: "Diversi xhieda ddikjaraw illi fejn il-bieb tal-ħanut, kien hemm omnibus wieqfa x'ħin ħareġ l-attur" u raġa rripeta il'i "skond diversi xhieda kien hemm char-a-banc wieqfa mal-bankina fuq il-lemin ta' l-attur meta dan niżel minn fuq il-bankina u għalhekk (a) il-viżwali lejn il-lemin, ċioe lejn id-direzzjoni tal-Belt, kienet ostakolata u limitata, u (b) għall-ewwel parti, xi tmien piedi ta' l-attraversament ta' l-attur ma kienx

f'posizzjoni biex jara t-trieq fuq il-lemin tiegħu, fl-istess ħin hu kien moħbi b'dak ix-char-a-banc."

Dwar il-konvenut il-perit ġudizzjarju qal illi, għalkemm kien impossibbli li wieħed jgħid bi preċizzjoni d-distanza li kienet il-karrozza tiegħu meta tfaċċa quddiem l-attur "pero huwa żgur illi d-distanza kienet qasira". Għalhekk il-perit ikkonkluda illi l-konvenut, konfrontat bis-sitwazzjoni ta' perikolu, subitaneament u inaspettament, kreata mill-attur ma satax jevita l-investiment, anqas kieku kien qed isuq bi speed moderat.

L-ewwel Onorabbli Qorti qagħded fuq dawn il-konklużżjonijiet ta' fatt tal-perit ġudizzjarju. Fis-sentenza tagħha, ġie ripetut illi "fuq in-naħa tal-ħanut kien hemm karrozza tal-linja wieqfa b'mod li kienet tneħħi l-viżwali tat-trieq mid-direzzjoni tal-Belt lil min joħroġ mill-ħanut "u li" rriżulta li (d-distanza bejn l-attur u l-karrozza tal-konvenut meta l-attur ħareġ mill-ħanut "minn wara x-char-a-banc"), "kienet bil-fors żgħira b'mod illi ż-żmien bejn li l-konvenut ra lill-attur sakemm laqtu kien ukoll bil-fors qasir."

Issa l-provi li hemm fil-proċess m'humiex illi kien hemm char-a-banc wieqfa ħdejn il-ħanut minn fejn ħareġ l-attur imma li kien hemm char-a-banc wieqfa f'lis-stage qabel tilħaq il-ħanut int hu sejjer mid-direzzjoni tal-Belt lejn ir-Rabat. Mary Cachia li kienet f'lis-stage in-naħħa l-oħra quddiem il-ħanut xehdet: "għandi ngħid illi f'lis-stage fuq in-naħħa l-oħra tat-trieq kien hemm dak il-ħin char-a-banc wieqfa: dak li stage jinsab ftit il-bogħod minn fejn ġara l-inċident, ċioe fuq in-naħħa l-oħra ta' Farsons Street" Alfred Agius xehed illi hu kien qiegħed f'karrozza li kienet wieqfa fejn il-bankina mal-kantuniera li hemm mat-trieq li tmur għal Farsons: "Quddiemi ma kienx

hemm vejkoli oħra; wara kien hemm char-a-banc ta' Birkirkara li kienet waqfet fuq li stage u kellha l-passiġġieri. Andrea Agius xehed illi "dak il-ħin ma kienx hemm char-a-bancs fil-viċinanzi ta' fejn ġara l-inċident". Anqas li stess konvenut ma qal illi x-char-a-banc kienet ħdejn il-ħanut. Hu qal biss li "kienet skorriet bi ftit lis-stage."

Issa milli-'sketch' messu kien ġa jidher illi li "stage" fejn dawk ix-xhieda (tnejn minnhom għal kollox indipendenti) qalu li kienet wieqfa x-char-a-banc, kien distanza ġmielha mill-ħanut mnejn ħareġ l-attur, li jidher li kien l-Union Bar indikat f'dak li sketch, u mhux il-Lucky Bar li qiegħed wara l-kantuniera ġo Cannon Street. Il-Qorti ma tafx kif tant il-Perit ġudizzjarju u anki l-ewwel Qorti setgħu ħadu l-impressjoni manifestament skorretta illi x-char-a-banc kienet wieqfa ħdejn jew ma ġenb il-ħanut. Hi ħaġa magħrufa illi żewġ stages wieħed fuq kull naħa tat-trieq qatt ma jitqiegħedu quddiem xulxin imma jkunu f'ċerta distanza minn quddiem xulxin biex ma tiġix imblokkata t-trieq meta fiż-żewġ stages ikun hemm buses wieqfa. Pero biex żgur ma jkun hemm ebda dubbju fuq dan, il-Qorti ppermettiet, anzi ordnat illi jiġi prodott li "sketch" li juri illi bejn l-"Union Bar" u dak li 'stage' hemm distanza ta' mija u tmienja u ħamsin pied.

Fil-fehma tal-Qorti din il-konstatazzjoni tneħħi kull bażi għall-konklużżjoni tal-perit ġudizzjarju u ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi d-distanza bejn fejn il-konvenut ra jew messu ra lill-attur u l-post fejn laqtu kienet "bilfors qasira ferm" jew illi l-konvenut ġie sorpriż għall-għarrieda mill-attur peress li kien moħbi bix-char-a-banc li kienet ukoll tostruwixxi l-viżwali tal-konvenut. Anki jekk quddiem ix-char-a-banc kien hemm wieqfa l-karrozza ta' Alfred Agius, din kienet il 'hawn mill-kantuniera ta' Farsons' Street:

bejn li stage u bejnha u l-Union Bar hemm distanza ta' 65 pied.

Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut qal: "**Kif wasalt max-char-a-banc**, l-attur ħareġ jiġri minn quddiemha u jiena sibtu sobtu fuqhi." Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi l-konvenut ra lill-attur kif wasal max-char-a-banc, ċioe, mela, meta bejnu u bejn l-attur, kien għad hemm distanza ta' xi 150 pied. Il-konvenut kompla jgħid fil-kontro eżami illi "meta tfaċċa l-attur hu kien wasal ftit il-bogħod minn quddiem ix-char-a-banc." Anki jekk din titqies bħala rettifika ta' dak li kien qal qabel, id-distanza li minnha l-konvenut lemaħ lill-attur bil-fors, skond id-dikjarazzjonijiet ta' l-istess konvenut kienet, żgur almenu iżjed minn mitt pied.

F'distanza ta' din ix-xorta, kieku l-konvenut kien qiegħed isuq bil-mod prudenti li, kif qal anki l-perit ġudizzjarju u rrikonxxiet ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti, kienu jiddettaw iċ-ċirkostanzi (dlam, trieq mill-aktar passaġġa fejn m'hemmx "pedestrian crossing" stabbiliti u kwindi l-pedestrians jaqsmu kullimkien, trieq mxarrba), jew għal inqas bis-speed regolamentari, kien ikollu tul u opportunita wisq aktar minn biżżejjed biex jieqaf jew jimmanuvra b'mod ieħor li ma jolqotx lill-attur. Il-Perit ġudizzjarju, msejjaħ mill-konvenut biex jarġa jixhed quddiem din il-Qorti, qal illi bi speed ta' 25 mil fis-siegħa—li hu bi speed massimu permess skond il-liġi f'dik it-trieq, — medja raġonevoli ta' "stopping distance", inkluż fiha r-"reaction time" hi ta' 40 pied u, jekk it-trieq tkun imxarrba, 60 pied. Il-Qorti aktarx taħseb illi dawn id-distanzi huma ġenerużi pero fi kwalunkwe każ juru konkludentement illi l-konvenut laqat lill-attur għax kien qiegħed isuq b'mod negliġenti u kolpuż.

Il-konvenut mita xehed semma speed ta' għoxrin mil fis-siegħa. Tal-volta anki dan — jekk tassew it-trieq kienet tiżloq — sata kien imprudenti fiċ-ċirkostanzi partikolari. Pero x-xhud Alfred Agius (li apparentement hu wkoll driver) ikkalkola li li spped tal-konvenut kien "aktar minn tlettin mil fis-siegħa u x-xhud Andrea Agius, li dak iż-żmien kien "inspector tal-karrozzi tal-linja" ikkalkola li l-konvenut kien miexi b'40 mil fis-siegħa.

Imma hemm konferma l-aktar elokwenti ta' l-ispeed qawwi li bih kien qiegħed isuq il-konvenut fiċ-ċirkostanzi rilevati mill-perit ġudizzjarju: id-distanza konsiderevoli li l-karrozza baqgħet sejra (nonostante l-applikazzjoni, anki jekk intermittenti, tal-brakes) wara l-ħabta; il-ħsara li ġratilha u għamiet bl-impact tal-momentum tagħha; il-mod kif għolliet lill-attur mill-art. F'ċirkostanzi bħal dawn anki jekk, kien hemm li skid dan kien parti mil-konsegwenzi tas-sewqan ħażin u perikoluż tal-konvenut. Kif osservat il-Qorti fil-kawża riportata Vol. XXXII, IV, 932, waħda mil-aktar kawżi frekwenti ta' skidding hi "the suden application of brakes". Iżda, "minn dan jiġi illi hu dover ta' min isuq fiż-żlieq li jevita minn qabel li jiġi poġġut f'posizzjoni li jkollu japplika l-brakes f'daqqa waħda." Fis-sentenza Vol. XXXVIII, IV, 861 intqal: "Jista jingħad b'sikurezza illi pedestrian li jaqsam it-trieq għandu d-dritt kollu li d-driver juża d-deliġenza meħtieġa biex jevitah, anki jekk hu (l-pedestrian) ikun qasam negliġentement, u d-driver għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li poġġa ruħu fil-posizzjoni li ma satax jevita l-investiment, per esempju jekk ikun isuq bi speed eċċessiv. Il-każ li fih driver jista jkun eżentat minn kull responsabbilita hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed id-driver f'posizzjoni li, anki bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma satax assolutament jevita

l-investiment."

Skond ix-xhieda l-attur ħares fiż-żewġ direzzjonijiet qabel beda jaqsam. Lill-Ispettur hu qallu, xi żmien wara l-każ, illi hu ra lill-karozza ġejja u kkalkola li jista jaqsam; jekk hu għamel dan, naturalment hu kkalkola fuq speed normali; u kieku l-konvenut kien qed josserva dan li speed u jsuq prudentement, tassew illi l-attur kien jilħaq jikkopri l-ftit piedi oħra li kien jonqsu biex kien ikun fuq innaħħa l-oħra tat-triq. Għandu jiġi rilevat illi hu ġie milqut, kif qalu xi xhieda, lejn in-nofs tat-triq. Mid-distanza li fiha l-konvenut rah jew messu rah wara li għadda x-char-a-banc, kien hemm spazzju wisq aktar milli biżżejjed biex il-konvenut jarġa jidħol fuq is-side tiegħu u/jew jieqaf. Inveċe hu laqat lill-attur.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hi ta' fehma illi ħtija kważi unika tal-investiment u tad-danni subiti mill-attur kien il-konvenut. Il-Qorti qiegħda tgħid "kważi" għaliex jidhrilha illi peress li jirriżulta li l-attur ra l-karrozza ġejja kien ikun aktar prudenti kieku hu ma ħax ir-riskju. Din il-ħtija hi żgħira di fronti għal dik tal-konvenut u tistabbiliha fil-grad ta' kwart.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara illi r-responsabbilta għad-danni subiti mill-attur hi kwantu għal ¾ tal-konvenut u kwantu għal ¼ tal-attur, u f'dan is-sens tilqa l-ewwel talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-partijiet f'dik l-istess proporzjon, u tordna illi l-kawża titkompla quddiem din il-Qorti għall-likwidazzjoni tad-danni.